31982R1658

29.6.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 184/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1658/82

## ta' l-10 ta' Ġunju 1982

## li jissupplimenta b'dispożizzjonijiet dwar trasport kombinat ir-Regolament (KEE) Nru 1107/70 dwar l-għoti ta' għajnuna għal trasport bil-ferrovija, bit-triq jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1107/70 ta' l-4 ta' Ġunju 1970 dwar l-għoti ta' għajnuna għal trasport bil-ferrovija, bit-triq jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([3]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([4]),

Billi d-diversi sistemi u teknoloġiji għat-trasport kombinat iġibu benefiċċji għall-Komunità b'mod ġenerali, *inter alia* billi jnaqqsu il-konġestjoni fuq ċerti toroq, jikkonservaw l-enerġija u jippermettu li jsir użu aħjar tal-kapaċità tal-ferroviji;

Billi l-investiment meħtieġ għall-iżvilupp ta' trasport kombinat għandu għalhekk jiġi mħeġġeġ; billi huwa għalhekk essenzjali illi l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' risorsi ta' l-Istat jistgħu jinġiebu għad-dispożizzjoni ta' l-intrapriżi konċernati;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1107/70 jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna sabiex jgħinu l-iżvilupp ta' sistemi u teknoloġiji tat-trasport li huma aktar ekonomiċi għall-Komunità iżda jirrestrinġi din l-għajnuna għall-fażi sperimentali; billi, għall-iżvilupp ta' trasport kombinat, għandu jkun hemm fażi ta' operazzjoni inizzjali li hija twila biżżejjed biex tippermetti li dan it-trasport jikkwalifika għal kondizzjonijiet aħjar fis-suq tat-trasport;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li d-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar l-għajnuna jiġu aġġustati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Is-subparagrafu li ġej qiegħed jiġi miżjud ma' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1107/70:

"(e) meta l-għajnuna tingħata bħala miżura temporanja u tkun iddisinjata biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' trasport kombinat, u din l-għajnuna jrid ikollha x'taqsam ma' investiment fl-oqsma li ġejjin:

– infrastruttura,

– il-faċilitajiet fissi u mobbli neċessarji għat-trasbord.

Qabel il-31 ta' Diċembru 1986 il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport dwar il-progress lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Fid-dawl ta' dan ir-rapport u minħabba l-karattru temporanju tas-sistema li tinsab f'dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kumissjoni, dwar is-sistema li għandha tiġi applikata wara u, jekk ikun meħtieġ, dwar il-proċeduri li għandhom jiġu adottati sabiex tintemm dik is-sistema."

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1982.

---

([1]) ĠU L 130, tal-15.6.1970, p. 1.
([2]) ĠU C 351, tal-31.12.1980, p. 40.
([3]) ĠU C 260, tat-12.10.1981, p. 123.
([4]) ĠU C 310, tat-30.11.1981, p. 18.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-10 ta' Ġunju 1982.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. de CROO